MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2008

Appell Civili Numru. 560/1991/2

**Anthony Caruana**

**v.**

**William Mock**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan hu appell li jittratta dwar l-apprezzament legali li ghamlet l-ewwel Qorti ta’ l-eccezzjoni tal-legittima difesa li biha l-konvenut laqa’ ghat-talbiet attrici u,

subordinatament, dwar il-*quantum* tad-danni likwidati mill-Qorti ta' prim istanza a favur l-attur.

2. Il-fatti li taw lok ghall-kaz odjern huma brevement is-segwenti:

- Fl-1 ta' Ottubru 1989 gewwa San Gwann quddiem il-korp ta' appartamenti fejn kienu joqoghdu l-partijiet kontendenti, inqala' incident bejn l-attur u l-konvenut;

- Fl-incident in kwistjoni l-attur safa' ferut. Huwa qala' daqqa ta' hadida f'rasu u gie migdum f'widintu tax-xellug u iccartitlu bicca minnha;

- B'konsegwenza ta' dawn il-griehi l-attur sofra disabilita` ta' natura permanenti li fl-14 ta' Frar 1991 giet ikkwantifikata mit-Tabib Mr. Joseph Attard bhala dizabilita` ta' 20%[1];

- B'rizultat ta' l-incident in kwistjoni u l-konsegwenti disabilita` ta' natura permanenti lilu kawzata, l-attur allega li sofra danni konsistenti kemm f'*damnum emergens* kif ukoll *lucrum cessans*;

- Ghall-incident in kwistjoni u konsegwenti danni minnu sofferti, l-attur izomm lill-konvenut unikament responsabbli billi skond hu kien l-istess konvenut li pprovokah, hebb ghalih, sawwtu w attakkah;

- Il-konvenut jichad kwalunkwe responsabilita` ghall-incident li sehh bejnu u l-attur fl-1 ta' Ottubru 1989 u ghall-konsegwenti disabilita` ta' natura permanenti u danni li seta' sofra l-attur billi, skond hu, kien l-istess attur li aggredih u huwa semplicement iddefenda ruhu minn aggressjoni subitaneja, ingusta w inevitabbli;

- Wara li l-attur diversi drabi inutilment interpella lill-konvenut sabiex jersaq ghal-likwidazzjoni u

[1] Certifikat tat-Tabib Mr. Joseph Attard Dok. "A" esebit mill-attur ma' l-att ta' citazzjoni promotur.

konsegwenti hlas ta’ danni minnu sofferti b’konsegwenza ta’ l-incident li inqala’ bejniethom fl-1 ta’ Ottubru 1989, huwa istitwixxa l-proceduri odjerni kontra l-konvenut u fittex ghad-danni, konsistenti kemm f’*damnum emergens* kif ukoll f’*lucrum cessans*, li garrab b’konsegwenza ta’ l-incident in kwistjoni.

**Talbiet u Eccezzjonijiet**

3. Bl-azzjoni istitwita kontra l-konvenut, l-attur talab lill-Prim Awla tal-Qorti Civili biex: (**i**) tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghad-danni kollha minnu sofferti bhala rizultat ta’ l-incident li nqala’ fl-1 ta’ Ottubru 1989; (**ii**) tillikwida d-danni konsegwenzjali kollha sofferti mill-attur, kemm *damnum emergens* kif ukoll *lucrum cessans*, okkorrendo bl-opera ta’ periti nominandi; u (**iii**) tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur kwalsiasi ammont likwidat a favur tieghu. Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Qbid Kawtelatorju Numru 897/91 u tal-Mandat ta’ Sekwestru Kawtelatorju Numru 896/91, u interessi legali.

4. B’Nota ta’ l-Eccezzjonijietipprezentata fid-9 ta’ Lulju 1991 l-konvenut irrespinga t-talbiet attrici bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt peress li kien l-istess attur li aggredieh u huwa kellu jiddefendi ruhu minn aggressjoni subitaneja, ngusta, inevitabbli u ghalhekk ma kkometta l-ebda att kriminuz li jaghti lok ghad-danni.

**Relazzjoni Peritali**

5. B’digriet datat 15 ta’ Ottubru 1991 l-Qorti ta’ prim istanza hatret lill-Avukat Dottor Philip Manduca bhala Perit Legali biex jirrelata dwar it-talbiet attrici u b’digriet iehor datat 19 ta’ Jannar 1995 (ara fol. 23 tal-atti) hatret lit-Tabib Anthony Grixti Soler bhala Perit Mediku biex jirrelata dwar id-debilita` permanenti allegata ta’ l-attur u l-grad u l-gravita` taghha.

6. Fir-rapport mediku datat 30 ta’ Jannar 2001[2] il-Perit Mediku irrelata li b’konsegwenza ta’ l-incident in kwistjoni l-attur sofra debilita` permanenti ta’ 5%.

7. Fir-rapport legali pprezentat fl-24 ta’ Mejju 2002[3] il-Perit Legali ikkonstata *li fid-dawl tal-provi kollha prodotti z-zewg partijiet kienu responsabbli ghall-incident fi grad ta’ 50% kull wiehed* [4] u kkwantifika d-danni sofferti mill-attur b’konsegwenza ta’ l-imsemmi incident fis-somma ta’ Lm430.24 (illum ekwivalenti ghal €1002.19) bhala *damnum emergens* u fis-somma ta’ Lm4,918.95 (illum ekwivalenti ghal €11,458.07) bhala *lucrum cessans* li minnha ghandha titnaqqas is-somma ta’ Lm2,459.48 (illum ekwivalenti ghal €5,730.21) bhala l-50% rapprezentanti l-kontribuzzjoni ta’ l-attur ghall-incident in kwistjoni b’dana li jifdal bilanc ta’ Lm2,459.48 (illum ekwivalenti ghal €5,730.21) dovut bhala danni mill-konvenut lill-attur.

8. Il-Perit Legali kkonkluda li l-konvenut ghandu jigi ddikjarat responsabbli f’grad ta’ 50% ghall-incident li nqala fl-1 ta’ Ottubru 1989 u illi d-danni konsegwenzjali tal-attur huma ta’ Lm2,459.48 u li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lill-attur din is-somma in linea ta’ danni[5].

**<u>Sentenza Appellata</u>**

9. B’sentenza moghtija fil-31 ta’ Jannar 2006 il-Prim Awla tal-Qorti Civili qatghet il-kawza billi, wara li ddikjarat li l-konvenut ghandu jwiegeb ghal 30% tad-danni li garrab l-attur u llikwidat d-danni li ghandu jaghmel tajjeb ghalihom il-konvenut fis-somma ta’ Lm3,805.24 (illum ekwivalenti ghal €8,863.82), ikkundannat lill-konvenut ihallas lill-attur id-danni hekk likwidati flimkien ma’ l-imghaxijiet fuqhom mid-data tas-sentenza. Dwar l-ispejjez l-Ewwel Qorti iddecidiet illi 70% ta’ l-ispejjez ghandhom

---

[2] Fol. 115 tal-process.
[3] Fol. 175 sa’ 195 tal-process.
[4] Fol. 193 tal-process.
[5] Fol. 195 tal-process.

jithallsu mill-attur filwaqt li l-konvenut ihallas 30% ta' l-ispejjez.

10. L-Ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha in bazi ghas-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Il-partijiet fix-xhieda tagħhom jaqblu illi kien hemm preċedenti ta' antagoniżmu bejniethom iżda ma jaqblux dwar kif seħħ l-inċident li dwaru saret il-kawża, għax kull wieħed igħid illi kien l-ieħor li aggredieh. Ix-xhieda li raw l-inċident mill-bidu sa l-aħħar huma l-membri tal-familji tal-partijiet, u f'din ix-xhieda hemm l-istess konflitt bħal ma hemm fix-xhieda tal-partijiet stess. Xhieda indipendenti ma rawx l-inċident iseħħ kollu iżda raw biss partijiet minnu wara li semgħu xi ħsejjes.

"L-attur jgħid illi l-konvenut saq għal fuqu biex itajru. Hu xeħet mazz ċwievet lejn il-karozza tal-konvenut, u laqatha, u l-konvenut reġġa' lura għal fuqu, fetaħ il-bieba, ġibdu 'l ġewwa, sawtu b'ħadida u gidmu.

"Il-konvenut, min-naħa l-oħra, igħid illi kien qiegħed isuq bilmod meta sema' daqqa mal-karrozza. Reġġa' lura, u l-attur fetaħlu l-bieba u daħal fil-karrozza biex jaggredih. Biex jiddefendi ruħu hu gidem lill-attur.

"Xhieda indipendenti jgħidu illi raw lill-attur fil-karrozza tal-konvenut.

"Il-qorti taqbel ma' l-osservazzjoni tal-perit legali illi l-fatt illi l-inċident seħħ fil-karrozza tal-konvenut isaħħaħ il-verżjoni tal-konvenut illi jgħid illi kien l-attur li beda l-ġlieda. Li kieku l-ġlieda bdieha l-konvenut, kien joħroġ mill-karrozza biex imur fuq l-attur u mhux jiġbdu għal fuqu. *Se mai*, biex jiftaħ il-bieba lill-attur kien jimbuttah mhux jiġbdu.

"Madankollu, il-konvenut ukoll ma kienx bla ħtija u jidher li hu wkoll kien lest għall-ġlieda kif jixhed il-fatt illi, wara li l-attur xeħetlu ċ-ċwievet lejn il-karrozza, il-konvenut flok baqa' sejjer bil-karrozza biex jikseb l-għajnuna tal-pulizija reġġa' lura. Il-fatt li kellu ħadida fil-karrozza, abbinat mal-

fatt illi kien hemm preċedenti ta' antagoniżmu bejn il-partijiet, jitfa' dawl ukoll fuq l-intenzjonijiet tiegħu.

"Il-qorti għalhekk taqbel mal-perit legali illi l-ħtija għandha tinqasam bejn il-partijiet, iżda, billi hija tal-fehma illi aktar jaħti l-attur, tgħid illi l-konvenut għandu jwieġeb għal tletin fil-mija (30%) tad-danni.

"Taqbel ukoll mal-likwidazzjkoni ta' *damnum emergens* magħmula mill-perit fis-somma ta' erba' mija u tletin lira u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (Lm430.24) telf ta' *commission* u paga.

"Dwar *lucrum cessans* il-qorti tosserva illi l-attur kellu ħamsa u tletin sena meta seħħ l-inċident u għalhekk *multiplier* ta' ħamsa u għoxrin (25) huwa raġjonevoli. Id-dħul ta' l-attur dak iż-żmien kien ta' erbat elef, disa' mija u tmintax-il lira u ħamsa u disgħin ċenteżmu (Lm4,918.95) fis-sena, iżda, fil-fehma tal-qorti, din il-figura għandha tiġi aġġustata għal disat elef lira (Lm9,000) biex tagħmel tajjeb għat-tnaqqis fil-valur tal-flus u ż-żjidiet fil-pagi li jingħataw matul is-snin tal-*multiplier*. Billi wkoll il-likwidazzjoni qiegħda ssir aktar minn sittax-il sena wara l-inċident, ma huwiex il-każ illi jsir xi tnaqqis talli l-attur qiegħed idaħħal minn qabel qligħ li kien jagħmel fil-ġejjieni; għal dan il-benefiċċju jpatti biżżejjed il-fatt illi l-imgħaxijiet jibdew igħaddu mil-lum.

"Id-dħul ta' l-attur għal ħamsa u għoxrin (25) sena jiġi mitejn u ħamsa u għoxrin elf lira (Lm9,000 GĦ25 = Lm22,500). L-attur ġarrab debilità li ma jfieqx minnha ta' ħamsa fil-mija (5%), skond il-perit mediku, u għalhekk it-telf tiegħu jiġi ħdax-il elf, mitejn u ħamsin lira (Lm22,500 GĦ 25% = Lm11,250). Il-konvenut iwieġeb għal tletin fil-mija (30%) tad-danni u għalhekk għandu jħallas tlitt elef, tliet mija u ħamsa u sebgħin lira (Lm3,375).

"Meta żżid erba' mija u tletin lira u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (Lm430.24) *damnum emergens* ma' tlitt elef, tliet mija u ħamsa u sebgħin lira (Lm3,375) *lucrum cessans*, id-danni b'kollox jiġu tlitt elef, tmien mija u ħames liri u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (Lm3,805.24)."

**L-Appell**

11. Mis-sentenza tal-31 ta' Jannar 2006 appella biss il-konvenut u dana in bazi ghal zewg aggravji. Bl-ewwel aggravju tieghu l-konvenut appellant jattakka d-decizjoni ta' l-ewwel Qorti fejn addebitatlu 30% tar-responsabilita` ghall-incident li inqala' bejnu u l-attur appellat fl-1 ta' Ottubru 1989 u konsegwentement ikkundannatu jhallas 30% tad-danni sofferti mill-attur b'rizultat ta' l-imsemmi incident u 30% ta' l-ispejjez gudizzjarji.

12. Il-konvenut appellant jikkontendi li l-konkluzjoni ta' l-Ewwel Qorti dwar ir-responsabilità tieghu ghall-incident meritu tal-kontestazzjoni hija zbaljata ghaliex ibbazata fuq apprezzament legali zbaljat ta' l-eccezzjoni tal-legittima difesa li biha huwa laqa' ghat-talbiet attrici.

13. Subordinatament u bit-tieni aggravju tieghu, il-konvenut appellant jattakka d-decizjoni ta' l-ewwel Qorti fejn illikwidat id-danni, kemm *lucrum cessans* kif ukoll *damnum emergens*, minnu dovuti lill-attur appellat fis-somma komplessiva ta' Lm3,805.24. Dwar il-*lucrum cessans* il-konvenut appellant jilmenta mill-fatt li l-ewwel Qorti uzat bhala bazi biex tasal ghal-likwidazzjoni finali tal-*lucrum cessans* a favur l-attur appellat introjtu ta' Lm9,000 fis-sena ghaz-zmien kollu tal-*multiplier*, ossia ghal 25 sena. Il-konvenut appellant jikkontendi li l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta immolitplikat bil-*multiplier* l-aggustament ta' Lm9,000 minnha stabbilit bhala d-dhul ta' l-attur appellat biex jaghmel tajjeb ghat-tnaqqis fil-valur tal-flus u zidiet fil-pagi li jinghataw matul is-snin tal-*multiplier*. Huwa jargumenta li l-ewwel Qorti kellha minflok tiehu *average* ossia medja bejn id-dhul ta' l-attur fiz-zmien ta' l-incident u d-dhul tieghu wara 25 sena, kalkolata minnu tali medja fis-somma ta' Lm6,950, u tapplika l-*multiplier* ghal dik il-medja.

16. Dwar id-*damnum emergens* il-konvenut appellant jirrileva illi filwaqt li l-ewwel Qorti naqqset il-valur tal-*lucrum cessans* b'70%, rapprezentanti l-grad ta' responsabilità addebitata lill-attur appellat ghall-incident in

kwistjoni, ma applikatx l-istess tnaqqis ghall-valur tad-*damnum emergens* u minflok ikkundannat lill-konvenut appellant ihallas il-figura intiera ta’ Lm430.24 minnha likwidata bhala rapprezentanti d-danni emergenti sofferti mill-attur b’konsegwenza ta’ l-incident meritu tal-kontestazzjoni.

17. Fir-rikors ta’ l-appell tieghu, ghalhekk, il-konvenut appellant jitlob li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata, tilqa’ l-eccezzjoni tieghu tal-legittima difesa u tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez, u, minghajr pregudizzju ghar-revoka tas-sentenza w in subordine, li tirriforma l-istess sentenza appellata fl-ammont likwidat. Bl-ispejjez kollha kontra l-attur appellat.

18. Mill-process ma jidhirx li l-attur appellat ipprezenta risposta ta’ l-appell izda ghat-trattazzjoni ta’ l-appell dehru z-zewg partijiet kontendenti debitament assistiti u d-difensuri taghhom ittrattaw l-istess appell.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti</u>**

19. Il-Qorti tibda biex tosserva li danni kagonati fi glieda ma humiex danni kontrattwali u lanqas akwiljani, imma huma danni konsegwenzjali ghal azzjoni kriminuza vera u proprja u ghalhekk japplikaw il-principji tad-dritt penali.

Dan il-principju guridiku gie enuncjat minn din il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Francesco Gauci v. Salvatore Gauci**, deciza fit-30 ta’ Novembru 1956[6].

20. Fid-dritt penali n-nozzjoni tal-legittima difesa hija bbazata fuq in-neccessita` ta’ l-azzjoni li l-agent ikun kostrett li jaghmel f’sitwazzjoni fejn isib ma’ wiccu aggressjoni gravi, ingusta u mhux “komodament” ossia “ragjonevolment” evitabbli (*commodus discessus*). Huwa in fatti principju assodat fis-sistema guridika taghna li *biex wiehed jista’ jinvoka dina l-iskriminanti l-aggressjoni subita trid tkun ingusta, gravi u inevitabbli. L-element ta’ l-inevitabilità jigi nieqes meta wiehed, minflok ma jevita l-*

---

[6] Kollezzjoni ta’ Decizjonijiet tal-Qrati Superjuri ta’ Malta Vol. XLB – i – 376.

*inkwiet ossia l-glied li jara gej meta dan jista' b'mod ragjonevoli jigi hekk evitat, imur minghajr raguni valida jaffrontah b'mod li jipprecipita huwa stess il-konfront fiziku*. Dan il-principju guridiku tant centrali ghall-eccezzjoni tal-legittima difesa gie enuncjat f'diversi sentenzi tal-qrati ta' gustizzja kriminali taghna, fosthom fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Augusto Auguliaro**, deciza mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali fis-26 ta' Awissu 1998[7].

21. In oltre r-reazzjoni b'legittima difesa trid tkun proporzjonali ghall-aggressjoni subita ghaliex jekk wiehed imur oltre dak li hu strettament mehtieg ikun hemm l-eccess ta' legittima difeza.

22. Huwa fid-dawl ta' dawn il-principji guridici li l-ewwel Qorti kellha tevalwa u tapprezza l-provi prodotti quddiemha mill-partijiet kontendenti biex tasal ghal decizjoni dwar l-azzjoni attrici u, huma dawn l-istess principji guridici li ghandha tiehu in konsiderazzjoni din il-Qorti biex tasal ghal decizjoni dwar l-ewwel aggravju ta' l-appell sollevat mill-konvenut appellant.

23. Il-konvenut appellant jikkritika d-decizjoni ta' l-ewwel Qorti dwar ir-responsabilita` kontributorja tieghu ghall-incident in kwistjoni in bazi ghall-kontestazzjoni li *"kieku si trattava ta' incident involontarju, allura wiehed jista' jitkellem fuq il-kontributorjeta`, ghaliex it-tnejn ikunu agixxew b'mod li taw lok ghall-incident. Imma meta suppost dan hu fatt doluz, ma jistax jinghad li persuna ghandha tort li gabet b'idejha l-incident, u fuq kollox tiehu d-danni. Fil-kaz in ezami, l-ewwel Qorti, skond il-provi, accettat li kien l-attur stess li dahal fil-karozza tal-konvenut appellant, wara li fetahlu l-bieba tal-karozza tieghu, u dan mhux b'kumpliment halli jkun jista' johrog komdu. L-attur qabez fuq il-konvenut u beda jaggredih fil-karozza tieghu stess. Jirrizulta li l-konvenut ipprova jzomm 'il barra lill-attur li kien qed jaggredih. Din kienet l-azzjoni li biha l-konvenut ipprova fl-ewwel lok inehhi l-aggressjoni ingusta u subitanea li kien hemm. L-esponenti wara dan spicca taht l-attur aggredit, qed jigi fgat, u msawwat, fi spazju li*

---

[7] Kollezzjoni ta' Decizjonijiet tal-Qrati Superjuri ta' Malta Vol. LXXXII – iv – 294. Enfasi ta' din il-Qorti.

*minnu ma setax jahrab jew "imur ghand il-pulizija". F'dan il-kwadru tal-fatti,"* ikompli l-appellant, *"l-apprezzament legali tal-ewwel Qorti li ma kienx hemm legittima difesa kompleta, kien zbaljat. Il-legittima difesa fuq dan l-incident kienet giet akkolta mill-Qorti tal-Magistrati Malta bis-sentenza kontra l-esponenti tal-21 ta' Jannar, 1994. Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, ghall-esponenti dik kienet biss l-unika difiza possibbli ghall-inkolumita` tieghu u ta' hajtu fi spazju ta' anqas minn metru kwadru, maqful f'karozza u mizmum mill-aggressur."* [8]

24. 'Ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz' li fuqhom il-konvenut appellant jibbaza l-ewwel aggravju ta' l-appell tieghu huma, pero`, biss siltiet mill-kwadru generali tal-fattispecie tal-kaz li rrizultaw mill-provi kollha prodotti mill-partijiet kontendenti quddiem l-ewwel Qorti. Per ezempju, il-konvenut appellant jonqos milli jsemmi l-fatt li wara li l-attur appellat xehetlu c-cwievet lejn il-karozza tieghu huwa regga' lura w ipparkja l-karozza tieghu mal-bankina quddiem l-attur appellat, bir-rizultat li l-konfrontazzjoni ta' bejniethom kompliet teskala.

25. Dan il-fatt jirrizulta ferm car kemm mid-dikjarazzjoni li l-konvenut appellant ghamel lill-ufficjali tal-Pulizija dakinhar ta' l-incident[9] kif ukoll mill-affidavit tieghu pprezentat fl-atti tal-proceduri odjerni[10].

26. Dak dikjarat mill-konvenut appellant dwar ir-reazzjoni tieghu meta l-attur appellat xehitlu c-cwievet lejn il-karozza tieghu ma setghetx jghaddi, u fil-fatt ma ghaddiex, inosservata mill-ewwel Qorti.

In effetti fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti osservat illi *"…taqbel ma' l-osservazzjoni tal-perit legali illi l-fatt illi l-incident sehh fil-karozza tal-konvenut issahhah il-verzjoni tal-konvenut illi jghid illi kien l-attur li beda l-glieda. Li kieku l-glieda bdieha l-konvenut, kien johrog mill-karozza biex imur fuq l-attur u mhux jigbdu ghal fuqu. Se mai, biex jiftah*

---

[8] Fol. 230 sa' 231 tal-process.
[9] Dok. PB2 esebit mill-Ispettur Paul Bond waqt is-seduta quddiem il-Perit Legali tat-12 ta' Novembru 1998 – fol. 89 tal-process.
[10] Fol. 12 tal-process. Enfasi tal-Qorti.

*il-bieba lill-attur kien jimbuttah mhux jigbdu. Madanakollu, il-konvenut ukoll ma kienx bla htija u jidher li hu wkoll kien lest ghall-glieda kif jixhed il-fatt illi, wara li l-attur xehetlu c-cwievet lejn il-karozza, il-konvenut flok baqa' sejjer bil-karozza biex jikseb l-ghajnuna tal-pulizija regga' lura. Il-fatt li kellu hadida fil-karozza, abbinat mal-fatt illi kien hemm precedenti ta' antagonizmu bejn il-partijiet, jitfa' dawl ukoll fuq l-intenzjonijiet tieghu."* [11]

27. Fid-dawl tal-principju guridiku enuncjat fil-precitata sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Augusto Auguliaro** dwar l-element ta' l-inevitabilita` ta' l-aggressjoni, u cioe` jekk il-parti li tissolleva d-difiza tal-legittima difesa setghetx ragjonevolment tevita dik l-aggressjoni, ir-reazzjoni tal-konvenut appellant ghall-agir ta' l-attur appellat hija ferm sinjifikattiva u tixhet hafna dawl fuq kif ghandha tigi ikkunsidrata l-eccezzjoni tal-legittima difesa minnu sollevata in risposta ghat-talbiet attrici. F'din is-sentenza **Il-Pulizija v. Augusto Auguliaro** il-Qorti qalet hekk a propositu tal-legittima difesa: *"L-element ta' l-inevitabilita` jigi nieqes meta wiehed, minflok ma jevita l-inkwiet ossia l-glied li jara gej meta dan ikun jista' b'<u>mod ragjonevoli</u> jigi hekk evitat, imur minghajr raguni valida jaffrontah b'mod li jipprecipita huwa stess il-konfront fiziku."*

28. Evalwati l-fatti li rrizultaw mill-provi prodotti quddiem l-ewwel Qorti fid-dawl tal-precitati principji guridici, din il-Qorti, bhall-Prim Awla qabilha, tasal ghall-konkluzjoni li l-konvenut appellant ukoll jahti ghall-incident li inqala' bejnu u l-attur appellat fl-1 ta' Ottubru 1989 ghaliex ir-reazzjoni tieghu ghall-agir ta' l-attur appellat iggib fix-xejn l-eccezzjoni tal-legittima difesa minnu sollevata. Bir-reazzjoni tieghu, il-konvenut appellant flok ma evita l-konfrontazzjoni ma' l-attur appellat, kif kellu kull opportunita` jaghmel, regga' lura l-karozza tieghu ghal fejn kien l-attur appellat u affrontah, b'dana li huwa stess ipprecipita l-konfront fiziku bejniethom. Huwa minnu li meta l-konvenut tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) akkuzat li kkaguna offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Anthony Caruana, dik il-Qorti Inferjuri lliberatu

[11] Enfasi ta' din il-Qorti.

a bazi tad-difiza tal-legittima difeza (ara kopja tas-sentenza ezibita fil-mori ta' dan l-appell fil-5 ta' Mejju 2008). Izda dan ma jfissirx li din il-Qorti – il-Qorti ta' l-Appell – jew il-Prim Awla huma b'xi mod obbligati li jsegwu l-istess ragunament u jaslu ghall-istess konkluzjoni bhal dik il-Qorti. Ghall-finijiet ta' dana l-appell din il-Qorti trid toqghod fuq il-provi migjuba quddiem il-Prim Awla, li mhux neccessarjament kienu l-istess provi li kellha quddiemha l-Qorti tal-Magistrati (Malta) meta tat is-sentenza taghha msemmija fil-21 ta' Jannar 1994.

29. Ghalhekk, kontra dak pretiz mill-konvenut appellant l-apprezzament legali ta' l-ewwel Qorti ta' l-eccezzjoni tal-legittima difesa minnu sollevata ghat-talbiet attrici ma kenitx zbaljata u dik il-Qorti gustament sabitu wkoll responsabbli ghall-incident li inqala' bejnu u l-attur appellat fl-1 ta' Ottubru 1989.

30. Il-konvenut appellant jikkritika s-sentenza appellata minhabba l-fatt ukoll li fil-konsiderazzjonijiet taghha l-ewwel Qorti osservat illi *"l-fatt li kellu hadida fil-karozza, abbinat mal-fatt illi kien hemm precedenti ta' antagonizmu bejn il-partijiet, jitfa' dawl ukoll fuq l-intenzjonijiet tieghu"* [12] [tal-konvenut] ossia, li hu kien lest ghall-glied ma' l-attur appellat.

31. Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-ewwel Qorti kienet ghal kollox korretta meta kkonkludiet li fil-kwadru generali tal-fatti tal-kaz, il-fatt li kien hemm antagonizmu precedenti bejn il-partijiet kontendenti u l-fatt li l-konvenut appellant kellu mieghu fil-karozza hadida, li eventwalment uzaha kontra l-attur appellat (ara fol. 189 tal-process), juru bic-car li l-intenzjoni tal-konvenut appellant meta regga' lura l-vettura tieghu u waqaf quddiem fejn kien l-attur appellat kienet li jikkonfronta lill-istess attur appellat u mhux li jevita l-glieda *per commodus discessus*.

33. Il-konvenut appellant jiddefendi l-agir tieghu billi jikkontendi wkoll illi r-reazzjoni tieghu ghall-aggressjoni ta' l-attur appellat kienet fil-limiti tal-proporzjonalita` u li

[12] Fol. 227 tal-process.

ghalhekk ma kienx hemm eccess ta' legittima difesa li jista' b'xi mod jirrendih responsabbli ghall-incident in kwistjoni u konsegwentement passibbli ghall-hlas ta' danni lill-attur.

34. Ghalkemm din il-Qorti, bhall-ewwel Qorti, hija sodisfatta li l-konvenut appellant ma jistax jinvoka d-difiza ta' legittima difesa fil-konfront ta' l-attur appellat, hija tqis li fi kwalunkwe kaz ir-reazzjoni tieghu ma kenitx proporzjonata ghall-aggressjoni subita.

35. Mill-provi prodotti rrizulta li fil-glieda bejn il-partijiet kontendenti kien biss l-attur appellat li safa' ferut b'daqqa ta' hadida f'rasu u gidma f'widintu tax-xellug u addirittura b'parti minn widintu imcarrta. Skond ir-rapport mediku tat-Tabib Joseph Attard ta' l-14 ta' Frar 1991 l-attur appellat *had been hit on the head with an iron bar. The lower part of the left earlobe was bitten off and part of the pre-auricular cheek torn. There was partial loss of conciousness.* [13] Ghalkemm il-konvenut appellant jallega li l-attur appellat hataflu l-hadida minn idu u barra li ghafasielu ma ghonqu tah daqqa biha fuq wiccu fuq in-naha tax-xellug, huwa ma ressaq ebda prova jew rapport mediku li sodisfacentement jipprova li hu wkoll kien vittma f'dan l-incident.

37. B'hekk il-pretensjoni tieghu tal-proporzjonalita` tar-reazzjoni tieghu ghall-aggressjoni subita hija insostenibbli.

38. Il-konvenut appellant in oltre jippretendi li ghaliex fil-proceduri kriminali istitwiti kontra tieghu mill-Pulizija Ezekuttiva gie liberat mill-akkuzi kollha migjuba kontrih in bazi ghad-difiza tal-legittima difesa[14], huwa ma ghandux jinstab civilment responsabbli fil-konfront ta' l-attur appellat ghad-disabilita` permanenti subita u danni sofferti b'konsegwenza ta' l-incident li inqala' bejniethom fl-1 ta' Ottubru 1989.

---

[13] Dok. "A" anness ma' l-Att ta' Citazzjoni promotur.

[14] **Il-Pulizija v. William Mock** deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-21 ta' Jannar 1994.

39. Apparti dak li diga` inghad fil-paragrafu 28 *supra* ta' din is-sentenza, din il-Qorti ma taqbilx mal-pretensjoni tal-konvenut appellant u tikkunsidraha guridikament insostenibbli u dana billi fis-sistema guridika nostrali l-azzjoni civili u l-azzjoni kriminali huma zewg azzjonijiet ghal kollox indipendenti u distinti minn xulxin, partikolarment fil-konfront ta' responsabilita` u l-provi mehtiega biex il-gudikant jasal ghall-konkluzjoni tieghu.

40. Kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Saviour Farrugia noe v. Emanuel Zahra et**, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Ottubru 1996[15] *"…fil-kamp kriminali tezisti d-dottrina Ingliza ta' beyond reasonable doubt biex l-imputat jinstab hati u fin-nuqqas ta' dan il-kriterju fil-mens tal-Magistrat huwa jrid jillibera. F'dak civili l-prova mehtiega hija inqas rigoruza u huwa bizzejjed illi b'mohh il-gudikant tezisti l-konvinzjoni morali li bejn iz-zewg kontendenti t-tezi ta' wiehed hija dik korretta u vera."*

41. Din il-Qorti tqis li d-decizjoni ta' l-ewwel Qorti dwar il-grad ta' responsabilità tal-konvenut appellant ghall-incident li inqala' bejnu u l-attur appellat fl-1 ta' Ottubru 1989 u ghall-konsegwenti disabilita` permanenti subita u danni sofferti mill-istess attur appellat hija gusta u ghaldaqstant, l-ewwel aggravju ta' l-appell tal-konvenut qed jigi respint.

42. Bit-tieni aggravju ta' l-appell tieghu l-konvenut appellant jilmenta mill-fatt illi l-Ewwel Qorti uzat bhala bazi biex tasal ghal-likwidazzjoni finali tal-*lucrum cessans* a favur l-attur appellat introjtu ta' Lm9,000 fis-sena ghaz-zmien kollu tal-multiplier, ossia ghal 25 sena. Jilmenta wkoll mill-fatt li mill-ammont likwidat bhala *damnum emergens* l-ewwel Qorti ma naqsitx 70% ta' dak l-ammont rapprezentanti l-grad ta' responsabilità ghall-incident in kwistjoni attribwita lill-attur appellat.

43. Fis-sentenza appellata l-ewwel Qorti ikkunsidrat illi *"Dwar lucrum cessans il-qorti tosserva illi l-attur kellu hamsa u tletin sena meta sehh l-incident u ghalhekk*

[15] Kollezzjoni ta' Sentenzi tal-Qrati Superjuri ta' Malta Vol. LXXX – iii – 1321.

*multiplier ta' hamsa u ghoxrin (25) huwa ragjonevoli. Id-dhul ta' l-attur dak iz-zmien kien ta' erbat elef, disa' mija u tmintax-il lira u hamsa u disghin centezmu (Lm4,918.95) fis-sena izda, fil-fehma tal-qorti, din il-figura ghandha tigi aggustata ghal disat elef lira (Lm9,000) biex taghmel tajjeb ghat-tnaqqis fil-valur tal-flus u z-zidiet fil-pagi li jinghataw matul is-snin tal-multiplier. Billi wkoll il-likwidazzjoni qieghda ssir aktar minn sittax-il sena wara l-incident, ma huwiex il-kaz illi jsir xi tnaqqis talli l-attur qieghed idahhal minn qabel qligh li kien jaghmel fil-gejjieni; ghal dan il-beneficcju jpatti bizzejjed il-fatt illi l-imghaxijiet jibdew jghaddu millum*. *Id-dhul ta' l-attur ghal hamsa u ghoxrin (25) sena jigi mitejn u hamsa u ghoxrin elf lira (Lm9,000 x 25 = Lm22,500* [recte Lm225,000]*). L-attur garrab debilità li ma jfieqx minnha ta' hamsa fil-mija (5%), skond il-perit mediku, u ghalhekk it-telf tieghu jigi hdax-il elf, mitejn u hamsin lira (Lm22,500* [recte Lm225,000] *x 25%* [recte 5%] *= Lm11,250). Il-konvenut iwiegeb ghal tletin fil-mija (30%) tad-danni u ghalhekk ghandu jhallas tlitt elef, tliet mija u hamsa u sebghin lira (Lm3,375).”*

44. Il-konvenut appellant invece jikkontendi li ghalkemm *“…il-multiplier li hu diskrezzjonali ghall-Qorti sa certu punt, imma fuq l-aggustament tal-qliegh hemm zball. Meta tikkalkola aggustament u timmoltiplikah bil-multiplier ifisser li mill-ewwel sena (minkejja dak li tghid il-Qorti li gie pruvat) isir Lm9000, u hekk is-sena ta' wara u tibqa' sejra hekk sa 25 sena. Iz-zidiet fil-pagi u l-inflazzjoni huma kalkolati kull sena. Jekk wiehed jiehu l-indici li hemm pubblikat mal-ligijiet u cioè d-Decontrol Act isib li mill-1989 sal-lum l-ammonti zdiedu darba u nofs. Imma dan wara sittax-il sena. Mhux mill-ewwel gurnata. Jekk ghall-grazzja ta' l-argument l-Lm4900 isiru Lm9000 wara hamsa u ghoxrin sena, irid ikun hemm medja bejn iz-zewg figuri, jew average. Dan l-average kellu jkun Lm6950. U din tkun il-figura li ghandha tigi applikata ghaliha l-multiplier.”*

45. Din il-Qorti, wara li qiset bir-reqqa kemm ir-ragunament ta' l-Ewwel Qorti kif ukoll it-tieni aggravju ta' l-appell tal-konvenut appellant, u wara li kkonsultat mal-

**Wage Increase National Standard Order**[16], tasal għall-konkluzjoni li l-aggustament tal-qligh futur ta' l-attur appellat ghall-figura ta' Lm9,000 kif stabbilit mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata huwa ezagerat ghaliex mill-*cost of living increases* stabbiliti fis-Skeda B tal-*Wage Increase National Standard Order* jirrizulta li l-attur appellat x'aktarx ikollu tali qligh wara 25 sena mid-data ta' l-incident u b'hekk ma huwiex gust u ekwu li din il-figura tigi applikata ghall-perjodu kollu tal-*multiplier*.

46. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-konvenut appellant huwa korrett meta jsostni li jkun aktar gust u ekwu li l-qligh futur ta' l-attur appellat jigi stabbilit fil-figura ta' Lm6,950 u li tkun din il-figura li ghaliha jigi applikat il-*multiplier*.

47. Ghalhekk il-*lucrum cessans* soffert mill-attur appellat b'konsegwenza ta' l-incident in kwistjoni huwa ta' ghoxrin elf mitejn sitta u tletin Euro u erbgha u erbghin centezmu (€20,236.44).

Din il-figura giet kalkolata bil-mod segwenti:

€16,189.15 (Lm6,950) x 25 x 5% = €20,236.44 (Lm8,687.50)

48. Billi l-konvenut appellant instab responsabbli ghall-incident in kwistjoni fi grad ta' 30% huwa ghandu jhallas lill-attur appellat bhala danni in kwantu jirrigwarda *lucrum cessans* is-somma ta' sitt elef u sebghin Euro u tlieta u disghin centezmu (€6,070.93) [ekwivalenti ghal Lm2,606.25].

49. Din il-Qorti taqbel ukoll ma' l-osservazzjoni tal-konvenut appellant li fil-likwidazzjoni tad-danni emergenti l-ewwel Qorti ma naqsitx 70% mill-ammont rapprezentanti l-grad ta' responsabilita` attribwita lill-attur appellat ghall-incident in kwistjoni.

Ghalhekk id-danni emergenti dovuti mill-konvenut appellant lill-attur appellat jammontaw ghal 30% tas-

[16] Legislazzjoni Sussidjarja Nru. 452.65

somma ta’ €1,002.19 (Lm430.24) ossia, ghal tlett mitt Euro u hamsa u sittin centezmu (€300.65) [ekwivalenti ghal Lm129.07].

50. Ghaldaqstant id-danni komplessivi dovuti mill-konvenut appellant lill-attur appellat b’konsegwenza ta’ l-incident meritu tal-kontestazzjoni jammontaw ghal sitt elef tlett mija wiehed u sebghin Euro u tmienja u hamsin centezmu (€6,371.58) [ekwivalenti ghal Lm2,735.32].

**Decide**

51. Ghall-motivi premessi l-appell tal-konvenut appellant qed jigi milqugh in parte fis-sens illi s-sentenza appellata qed tigi ikkonfermata in kwantu jirrigwarda d-dikjarazzjoni ta’ responsabilita` kontributorja tal-konvenut appellant fil-grad ta’ 30% ghall-incident li nqala’ bejn l-attur appellat u l-konvenut appellant fl-1 ta’ Ottubru 1989, izda qed tirriforma dik l-istess sentenza in kwantu jirrigwarda l-*quantum* tad-danni, konsistenti kemm f’*lucrum cessans* kif ukoll f’*damnum emergens*, dovuti mill-konvenut appellant lill-attur appellat b’konsegwenza ta’ l-imsemmi incident, liema danni qed jigu likwidati fis-somma ta’ sitt elef tlett mija wiehed u sebghin Euro u tmienja u hamsin centezmu (€6,371.58), u ghalhekk mhux kif hemm fis-sentenza ta’ l-ewwel Qorti, u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut appellant ihallas lill-attur appellat din is-somma ta’ sitt elef tlett mija wiehed u sebghin Euro u tmienja u hamsin centezmu (€6,371.58), bl-imghax legali dekoribbli mid-data tas-sentenza appellata.

52. L-ispejjez relattivi ghall-proceduri in prim istanza ghandhom jithallsu skond kif deciz mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata filwaqt illi l-ispejjez ta’ dan l-appell ghandhom jigu sopportati kwantu ghal erba’ partijiet minn hamsa (4/5) mill-konvenut appellant u parti wahda minn hamsa (1/5) mill-attur appellat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------